# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 382/2019 JVC**

**Andrew Manduca (0079864M) u Rebecca Manduca (0234693M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Andrew Manduca et kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi r-rikorrent Andrew Manduca twieled nhar is-sittax ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u erbgha u sittin (16.01.1964) filwaqt li r-rikorrenti Rebecca Manduca, li tigi bint ir-rikorrent Andrew Manduca, twieldet nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disghin (23.05.1993) u dan skont ic-certifikat tat-twelid taghhom annessi u mmarkati Dok A u Dok B rispettivament;

2. Illi jinghad li ghalkemm ir-rikorrent Andrew Manduca huwa iben Jean De Conti Manduca u Maria Mallia, huwa gie registrat bil-kunjom 'Manduca' biss, u mhux 'De Conti Manduca';

3. Illi r-rikorrenti Rebecca Manduca wkoll giet registrata biss bil-kunjom 'Manduca' u dan stante li d-Direttur tar-Registru Pubbliku, ikkopja kunjom missierha mic-certifikat tat-twelid tieghu fil-mument tar-registrazzjoni tat-twelid taghha;

4. Illi effettivament il-familja tar-rikorrenti minn dejjem kienu maghrufa bil-kunjom De Conti Manduca u dan kif anke jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' missier Andrew (Dok C), ic-certifikat taz-zwieg tal-genituri ta' Andrew (Dok D), ic-certifikat tat-twelid u tal-mewt ta' nannuh (Dok E u Dok F rispettivament) u ta' buznannuh (Dok G);

5. Illi jirrizulta illi nonostante c-certifikat tat-twelid tieghu, ir-rikorrent Andrew Manduca dejjem kien konstantament maghrufa bhala Andrew De Conti Manduca u dan kif jirrizulta mill-karta tal-identita` tieghu qabel din giet sostitwita (Dok H anness), mic-certifikat tat-twelid ta' ibnu Luke John De Conti

Manduca (Dok I) u anke mit-tifkira taz-zwieg moghtija lilu mid-Direttur tar-Registru Pubbliku meta zzewweg lill-martu Angela De Conti Manduca (Dok J);

6. Illi effettivament u kif huwa ben evidenzjat mill-annessi dokumenti, li jikkonsistu f'certifikati akkademici, l-E111 card, poloz tal-assigurazzjoni tal-karozza, statements bankarji, kontijiet tal-ARMS u tal-Melita plc, kif ukoll diversi ittri formali u ta' rakkomandazzjonijiet, (komplessivament immarkati Dok K), l-esponent kien konsistentament maghruf bhala Andrew De Conti Manduca;

7. Illi ghaldaqstant, l-esponenti jixtiequ li l-att tat-twelid taghhom, jigi korrett biex jirrifletti r-realta` tal-fatt u l-istat ta' fatt li r-rikorrenti ilhom jghix sa mit-twelid taghhom;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna; ai termini tal-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara li l-isem korrett tar-rikorrenti huwa "Andrew De Conti Manduca" u "Rebecca De Conti Manduca";

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega kemm fl-atti tat-twelid, kif ukoll f'kull att iehor relattiv u sussegwenti u dan sabiex isimhom u kunjomhom jigi indikat u jkunu maghrufa bhala "Andrew De Conti Manduca" u "Rebecca De Conti Manduca", kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet f'isem ir-rikorrenti kull fejn jirrizulta u ikun hemm l-htiega.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi l-esponent jeccepixxi li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi fil-mertu l-esponent jeccepixxi illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

3. Illi fil-kaz odjern, l-attur Andrew Manduca twieled lil Jean u Maria, konjugi De Conti Manduca, nhar is-16 ta' Jannar 1964 u dan kif jixhed l-Att tat-Twelid tieghu u kif ukoll l-estratt tal-istess, li jinsabu annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 1' u 'Dok. DRP 2', rispettivament. Dan juri bic-car illi t-talbiet fir-rigward ta' Andrew De Conti Manduca huma ezawriti;

4. Illi bla hsara ghal premess, l-attrici Rebecca Manduca twieldet lil Andrew u Angela, konjugi Manduca, nhar it-23 ta' Mejju 1993 u dan kif jixhed l-Att tat-Twelid taghha, li jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3';

5. Illi l-esponent jeccepixxi illi huwa ghandu l-obbligu li jirregistra l-informazzjoni skont kif din tkun giet mghoddija lilu. Fil-fatt mill-Att tat-Twelid ta' Rebecca Manduca jidher

car illi d-dikjarant kien missierha u kien proprju hu li ddikjara tali informazzjoni, liema informazzjoni giet kkonfermata minn Andrew Manduca stess permezz tal-firma tieghu. Tajjeb li jigi sottolinejat illi Andrew De Conti Manduca iffirma bhala 'Andrew Manduca';

6. Illi f'dan l-istadju l-esponent jissottolineja illi ma huwiex jigi kontestat jekk il-kunjom 'De Conti' jappartjenix lil atturi u dan stante illi tali kunjom jirrizulta sa mis-sena 1874. Fil-fatt ghal tali ghan, l-esponent qieghed jannetti l-Att tat-Twelid tal-buznannu, tan-nannu u tal-missier ta' Andrew Manduca, liema atti jinsabu anness u mmarkati bhala 'Dok. DRP 4', u 'Dok. DRP 5' u 'Dok. DRP 6', rispettivament;

7. Illi l-esponent huwa konsapevoli tal-fatt illi ghalkemm il-ligi nostrana ma tippermettix tibdil fil-kunjom, il-Qrati taghna ma ghadhomx japplikaw l-istess disposizzjonijiet tal-ligi b'mod rigoruz. Stante tali pozizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi r-rikorrent igib dawk il-provi kollha necessarji ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti illi l-familja tar-rikorrenti kienet konsistentament maghrufa bil-kunjom 'De Conti Manduca';

8. Illi bla hsara ghal premess u fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-konvenut stante illi huwa mexa u applika l-ligi nostrana hekk kif inhu spettat minnu. Kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 12 ta' Novembru 2019 r-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tat-talba tar-rikorrenti, r-rikorrenti Andrew Manduca u bintu Rebecca Manduca qed jitolbu li c-certifikati tat-twelid relattivi taghhom jigu emendati fis-sens li kunjom il-missier jigi ndikat bhala De Conti Manduca u mhux biss Manduca stante li missier u n-nannu rispettivament tar-rikorrenti kien kunjomu De Conti Manduca u mhux biss Manduca.

Illi da parti tieghu d-Direttur intimat jirrikonoxxi li missier u n-nannu rispettivament tar-rikorrenti kien kunjomu De' Conti Manduca u fil-fatt mar-risposta tieghu prezenta certifikat tat-twelid emendat ghal dak li huwa r-rikorrent Andrew Manduca fejn appuntu gie indikat kunjom missieru bhala 'De' Conti Manduca' u mhux biss 'Manduca' b'dana li b'applikazzjoni tal-ligi l-iben f'dan il-kaz Andrew jiehu kunjom missieru u ghalhekk jirrizulta li llum id-Direttur jirrikonoxxi li kunjom l-attur Andrew huwa dak ta' 'De' Conti Manduca'. Il-Qorti rat izda li permezz tat-talba tieghu l-attur ma jindikax l-accent wara l-kelma 'De' izda l-istess Qorti vverifikat mid-dokumentazzjoni li fil-fatt missier l-attur kien kunjomu 'Dei Conti Manduca' u jidher li maz-zmien dan beda jinkiteb 'De' Conti Manduca' bl-accent flok l-ittra 'i'.

Illi ghalhekk jirrizulta lil din il-Qorti li l-ewwel talba kif dedotta ma tistax tigi milqugha ezatt kif dedotta stante li ma tindikax il-

kunjom korrett u cioe′ ma tindikax l-accent izda jirrizulta wkoll li fil-frattemp giet sorvolata l-ewwel talba ghal dak li jirrigwarda l-attur Andrew De′ Conti Manduca permezz tal-hrug tac-certifikat korrett esebit a fol. 39 tal-process li jindika isem u kunjom l-attur bhala ‘Andrew De′ Conti Manduca′.

Illi jsegwi li bint ir-rikorrent Rebbecca ghandha wkoll tiehu kunjom missierha u cioe′ dak rizultanti mic-certifikat tat-twelid esebit a fol. 39 tal-process u ghalhekk it-tieni talba ghandha tintlaqa′ izda biz-zieda tal-accent wara l-kelma ‘De′ sabiex isem u kunjom ir-rikorrenti Rebecca ghandu jigi korrett ghal ‘De′ Conti Manduca′.

Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa′ t-talbiet atturi bir-riservi suesposti. Ghal dawk li huma spejjez stante li ma tirrizultax lill-Qorti r-raguni ghall-izbalji in kwistjoni, l-Qorti tqis li dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta′ u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Filwaqt illi tichad l-ewwel talba fejn din tikkoncerna r-rikorrent Andrew De′ Conti Manduca stante li giet sorvolata permezz tal-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tieghu da parti tad-Direttur intimat fil-mori (ara fol. 39), tilqa′ l-ewwel talba fir-rigward tar-rikorrenti l-ohra u tiddikjara li isem u kunjom ir-rikorrenti huma ‘Rebecca De′ Conti Manduca′ u mhux Rebecca Manduca.

2. Tilqa’ t-tieni talba fir-rigward biss ta’ ‘Rebecca De’ Conti Manduca’ **ghal dik li hija korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha** li jgib in-numru progressiv tnejn, tlieta, erbgha, sitta (2346) tas-sena elf disa’ mija u tlieta u disghin (1993) b’dan illi fil-kolonna intestata ‘Missier it-tarbija’ ghandu jigi ndikat l-isem u l-kunjom ‘Andrew De’ Conti Manduca’. Tilqa’ t-tieni talba fir-rigward taz-zewg rikorrenti **ghal dawk li huma kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-atti tat-twelid tar-rikorrenti** b’dan illi l-isem u l-kunjom indikati ghandhom ikunu ‘Andrew De’ Conti Manduca’ u ‘Rebecca De’ Conti Manduca’.

3. Tilqa’ t-tielet talba kif dedotta.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta’ Dicembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta’ Dicembru 2019**